# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Dicembru 2018**

**Kawza Numru : 39**
**Rikors Guramentat Numru : 1048/2018/LSO**

**Anthony Ciappara ID296536M**

**vs**

**Karlvin Ciappara ID609183M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-istess Anthony Ciappara datat 24 ta' Ottubru 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

1. Jiena kont zammejt lit-tifel tieghi Karlvin Ciappara fil-post 516, St Joseph High Road, Santa Venera. Jiena kont hallejtu fil-post minghajr ebda titlu u minghajr ebda ftehim ta' kera.

2. Illi minkejja l-isforzi kollha li kont ghamilt matul il-hajja, l-agir tal-istess konvenut ma kienx tajjeb u konsegwentement ir-relazzjoni ta' bejnietna spiccat hazina hafna.

3. Jiena deherli wkoll li kien hemm certu ndhil minn persuni li mhumiex direttament tal-familja u s-sitwazzjoni aktar hraxet.

4. Jiena armel u dan il-post huwa unikament tieghi skont it-testment tal-mara tieghi.

5. Ghaldaqstant peress li huwa rrifjuta li jitlaq meta jiena ntimajtu biex jaghmel dan permezz tal-avukat tieghi, ma kellix triq ohra hlief li mmexxi bil-kawza.

**Kawzali:**

Peress li l-konvenut qed jokkupa l-fond 516, St Joseph High Road, Santa Venera, minghajr ebda titlu validu fil-ligi u minkejja li gie mitlub li johrog mill-istess fond huwa m'ghamilx dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**Talbiet:**

Jghid il-konvenut l-ghala din il-Qorti m'ghandhiex tikkundannah li fi zmien qasir u perentorju ma jkunx prorogabbli u jizgombra mill-fond 516, St Joseph Road, Santa Venera, liema post huwa qieghed jokkupa minghajr ebda titlu validu fil-ligi, bl-ispejjez u kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2018.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 27 ta’ Novembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr Joseph Brincat. Deher il-konvenut mhux assistit, u ammetta t-talbiet u ghadda c-cwievet lir-rikorrent prezenti, u ddikjara wkoll li halla vakanti l-post imsemmi fir-rikors guramentat. Anthony Ciappara rcieva c-cwievet u halla ricevuta taghhom, pero` rriserva d-drittijiet tieghu fuq kontijiet ta' dawl u ilma, jew hsarat li jista' jkun hemm fil-fond jew inkella oggetti nieqsa. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Dicembru 2018 fid-9:30a.m. ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ikkunsidrat li l-intimat deher personalment u ammetta t-talba kif dedotta, kif ukoll irritorna c-cwievet tal-fond bil-

pussess vakanti *seduta stante* kif jidher mill-verbal datat 27 ta' Novembru 2018.

Illi r-rikorrent talab li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk *stante* l-ammissjoni tal-intimat, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimat biex fi zmien perentorju ta' erbgha u ghoxrin siegha (24 siegha), jizgombra mill-fond 516, St Joseph Road, Santa Venera, liema post huwa qieghed jokkupa minghajr l-ebda titlu validu fil-ligi.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' Dicembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Dicembru 2018**